UNITED NATIONS
HUMAN RIGHTS COUNCIL

MEDIA ADVISORY

# Is-sitwazjoni tad-drittijiet tal-bniedem f' Malta se tiġi eżaminata mill-Universal Periodic Review tal-Gnus Magħquda

**ĠINEVRA (26 ta' Jannar 2024)** – Is-sitwazjoni tad-drittijiet tal-bniedem ta' Malta se tiġi eżaminata mill-Grupp ta' Ħidma tal-Universal Periodic Review (UPR) tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem (KDB) tal-Gnus Magħquda (GM) għar-raba' darba nhar il-Erbgħa, 31 ta' Jannar 2024, f'laqgħa f'Ġinevra li se tkun webcast live.

Malta hija waħda mill-14-il Stat li se jiġu eżaminati mill-Grupp ta' Ħidma tal-UPR fis-sessjoni li jmiss tiegħu mit-22 ta' Jannar sat-2 ta' Frar 2024. L-ewwel, it-tieni u t-tielet reviżjoni tal-UPR ta' Malta seħħew fi Frar 2009, Ottubru 2013, u Novembru 2018, rispettivament.

Il-Grupp ta' Ħidma tal-UPR huwa magħmul mis-47 Stat Membru tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem. Madankollu, kull wieħed mill-193 Stat Membru tan-GM jista' jipparteċipa f'din l'eżaminazzjoni tal-pajjiż.

Id-dokumenti li fuqhom hija bbażata din ir-reviżjoni huma: 1) rapport nazzjonali - informazzjoni pprovduta mill-Istat Malti; 2) informazzjoni li tinsab fir-rapporti ta' esperti u gruppi indipendenti tad-drittijiet tal-bniedem, magħrufa bħala l-Proċeduri Speċjali, korpi ta' trattati dwar id-drittijiet tal-bniedem, u entitajiet oħra tal-GM; 3) informazzjoni pprovduta minn partijiet interessati oħra inklużi istituzzjonijiet nazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem, organizzazzjonijiet reġjonali, u gruppi tas-soċjetà ċivili.

It-tliet rapporti li se jservu bħala l-bażi għar-reviżjoni ta' Malta fil-31 ta' Jannar jinsabu hawn.

Post: Kamra 20, Palais des Nations, Ġinevra.

Ħin u data: 9:00 – 12:30, l-Erbgħa, 31 ta' Jannar 2024 (ħin ta' Ġinevra, GMT +1 siegħa).

L-UPR hija reviżjoni tas-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem f'193 Stat Membru tan-GM kollha. Minn meta saret l-ewwel laqgħa tal-UPR f'April 2008, il-193 Stat

Membru tan-GM kollha ġew riveduti tliet darbiet. Matul ir-raba' ċiklu tal-UPR, l-Istati huma mistennija li għal darb'oħra jispjegaw il-passi li ħadu biex jimplimentaw ir-rakkomandazzjonijiet maħruġa matul ir-reviżjonijiet preċedenti tagħhom, u li huma impenjaw ruħhom li jsegwu, u mistennija juru l-iżviluppi riċenti tad-drittijiet tal-bniedem f'pajjiżhom.

Id-delegazzjoni ta' Malta se tkun immexxija mis-Sinjura Rebecca Buttigieg, Segretarju Parlamentari għar-Riformi u l-Ugwaljanza fi ħdan il-Ministeru għall-Intern, Sigurtà, Riformi, u Ugwaljanza.

It-tliet pajjiżi li jservu bħala rapporteurs ("troika") għar-reviżjoni ta' Malta huma l-Belġju, il-Benin u r-Repubblika Dominikana.

Il-webcast tas-sessjoni tinsab hawn: https://media.un.org/en/asset/k1b/k1bw444kp7

Il-lista tal-kelliema u d-dikjarazzjonijiet kollha disponibbli li sejitwasslu waqt ir-reviżjoni ta' Malta, se jitpoġġew fuq l-Extranet tal-UPR.

Il-Grupp ta' Ħidma tal-UPR huwa mistenni li jadotta r-rakkomandazzjonijiet li saru lil Malta nhar il-Ġimgħa, 2 ta' Frar 2024 bejn is-16:30 u s-18:00. L-Istat taħt reviżjoni jkun jista' jesprimi l-pożizzjonijiet tiegħu dwar ir-rakkomandazzjonijiet li jkunu sarulu waqt ir-reviżjoni tiegħu.

// TMIEM //

Għal aktar informazzjoni u talbiet għall-media, wieħed jista' jikkuntattja lil Pascal Sim, KDB Media Officer, fuq simp@un.org ; Matthew Brown, Uffiċjal tal-Informazzjoni Pubblika tal-KDB, fuq matthew.brown@un.org u David Díaz Martín, Uffiċjal tal-Informazzjoni Pubblika tal-KDBfuq david.diazmartin@un.org.

Għal aktar informazzjoni dwar il-UPR, żur www.ohchr.org/en/hr-bodies/upr/upr-main

Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-GM, segwina fuq il-media soċjali:

**Facebook** | **Twitter** | **YouTube** | **Instagram**